TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 500/11/GZ

**Lawrence u Carmen Galea**

**vs**

**Charichelon Co. Ltd.**

Illum 13 ta' Frar 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-25 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elf sebgha mija u sitt Ewro (€1706.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu lis-socjeta' ntimata ghal 'tour' gewwa l-Italja, fejn ma kienux sodisfatti bil-lukanda li kienu alloggjati fiha; kif ukoll danni morali fl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00).

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Meta l-ewwel gurnata marru jibbukjaw is-safra u hallsu sebgha mitt Ewro (€700.00), ma kienux jafu isem il-lukanda jew kemm kienet il-boghod mic-centru. Is-socjeta' ntimata kienet qaltilhom li ma kienitx certa u li kienet ha tghidilhom iktar tard fil-laqgha. Meta s-socjeta' ntimata regghat cemplet sabiex imorru jhallsu l-kumplament ta' elf u sitt Ewro (€1006.00), ir-rikorrenti kienu regghu staqsew fuq il-lukanda u r-risposta regghat kienet illi kienu ser jigu nformati fil-laqgha. Meta marru ghall-laqgha, kienu gew informati illi s-socjeta' ntimata kellha sorpriza ghalihom fuq il-lukanda, ghaliex minn 3 star kienu ser ikunu fi 4 star. Ir-rikorrenti kienu hadu pjacir b'dan l-ahbar u meta regghu staqsew fuq id-distanza mic-centru, gew informati li l-lukanda kienet hames (5) kilometri l-boghod.

Ir-rikorrenti hasbu li kienu se jkunu tajjeb gewwa 4 star, imma l-affarijiet kienu differenti minn dak li hasbu. L-ewwel haga li sabu kif dahlu fil-kamra kien li l-AC ma kienx qed jahdem. Ilmentaw ma' tal-lukanda, fejn suppost l-AC kellu jigi msewwi sa filghaxija, izda dan ma giex imsewwi. Ir-rikorrenti, Carmen Galea, tbaghti bl-asthma u fejn thoss is-shana jaqbadha attakk u jkollha tiehu l-medicina, ghalhekk biex setghat tiehu n-nifs hija kellha tiftah il-bieb tal-veranda u tohrog torqod barra, fejn ma setghatx torqod sew minhabba l-hsejjes tal-karozza, peress illi l-lukanda kienet vicin main road. L-ghada filghodu r-rikorrenti regghu lmentaw ma' tal-lukanda, pero' filghaxija l-AC kien ghadu mhux imsewwi. Fl-ahhar il-lukanda offrietilhom kamra ohra.

Apparti minn hekk, il-lukanda kienet il-boghod hafna mic-centru u kienet post daqxejn dizabitat u l-boghod minn kull attivita'. Fil-lukanda ma kien hemm l-ebda facilitajiet ta' rekreazzjoni jew divertiment, kif ukoll nuqqas ta' mezz tat-trasport. L-ikel ma kienx prezentabbli u s-servizz ma kienx ta' 4 star.

Ir-rikorrenti ezebew ritratt ta' l-ikel li gew servuti mill-lukanda in kwistjoni, certifikat mediku datat 18 ta' Awissu 2011 u ffirmat minn Dr Ray Fenech M.D.; ritratt ta' saqajn ir-rikorrenti Carmen Galea; u kopja ta' "Travel Claim – Medical Expenses incurred on 10.08.11" mahruga minn 'Middlesea Insurance p.l.c.'.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Jirrispondu u jecepixxu bil-qima:

1. Illi, b'mod preliminari, jigi rilevat illi n-negozju *de quo* sehh mis-socjeta' Charichelon Company Limited. L-entita' ROCS Group – apparti li m'hijiex kumpannija b'identita' guridika distinta u separata ghaliha, izda hi semplicement *brand name* li tigbor tahtha numru ta' kumpanniji – m'ghandha l-ebda legam mar-rikorrenti. In vista ta' hekk, dan it-Tribunal hu mitlub jaghmel id-debita korrezzjoni fl-okkju ta' dawn il-proceduri u f'kull att iehor mieghu marbut jew ghalih ancillari li jirrifletti tali korrezzjoni, ossia fejn kull referenza ghal ROCS Group tigi mhassra u kancellata;

2. Illi, ukoll preliminarjament, is-socjeta' Charichelon Company Limited, stante li ghandha personalita' guridika propria, topera taht l-isem "Charichelon Company Limited" u taht l-ebda isem ishor, partikolarment taht l-isem "ROCS Group". Fid-dawl ta' hekk, dan it-Tribunal hu mitlub jaghmel id-debita korrezzjoni fl-okkju ta' dawn il-proceduri u f'kull att iehor mieghu marbut jew ghalih ancillari li jirrifletti tali korrezzjoni sabiex l-intimata tkun biss u solament is-socjeta' "Charichelon Company Limited" u hadd aktar;

3. Illi, ukoll preliminarjament u bhala konsegwenza ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet, is-solidarjeta' ndikata fl-okkju ta' dawn il-proceduri ghandha tigi wkoll kancellata u l-vertenza ndirizzata biss versu s-socjeta' "Charichelon Company Limited";

4. Illi, ukoll b'mod preliminari u bla pregudizzju ghal dak s'issa eccepit, ir-rikorrenti ghandhom jindividwaw liema tip ta' azzjoni huma qed jippromwovu u liema rimedju huma qed jippretendu minghand it-Tribunal Ghal Affarijiet tal-Konsumatur. Dan qed jigi sollevat sabiex l-esponenti tkun f'qaghda tirregola ruhha appozitament fid-difiza/difizi taghha;

5. Illi, fil-mertu u dejjem minghajr pregudizzju, jigi rilevat illi r-rikorrenti qed jilmentaw principalment minn dawn l-affarijiet:

(i) ir-rikorrenti jilmentaw mid-**distanza** bejn il-lukanda li fiha kienu allogjati u c-centru. Dwar dan l-intimata twiegeb illi dan hu lment fieragh u ghalih ghandha tapplika l-massima *de minimis non curat proetor*. Inoltre, ghalkemm ir-rikorrenti jilmentaw mid-distanza, huma ma jispecifikawx kif din laqtithom hazin jew kif huma gew pregudikati. F'dan l-istadju jinghad illi l-lukanda msemmija hija 5 kilometri minn *"Lago di Garda"*. Wiehed ghandu jhares lejn il-vaganza ntiera u mhux lejn xi kilometru zejjed li setghu ghamlu l-vjaggaturi. Kieku stess, u bla pregudizzju, ma kien hemm l-ebda referenza ghall-lukanda fil-brochure tal-vaganza in kwistjonhi u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghu qatt jghidu li s-socjeta' ntimata naqset mill-kelma taghha;

(ii) ir-rikorrenti jilmentaw li l-**ikel** lilhom moghti fil-lukanda ("Eurocongressi Hotel" f'Verona) ma kienx prezentabbli u li l-ikel ta' filghaxija kien ta' porzjonijiet zghar. Dwar dan l-intimata tirrileva illi hu risaput li l-cuisine Taljana ma toffrix porzjonijiet kbar hekk kif imdghorrijin f'pajjizna. Inolre, mill-provi li ser tressaq l-intimata, ser jirrizulta illi l-ikel offert u kkunsmat kien ta' kwalita' tajba u, kuntrarjament ghal dak allegat, ir-rikorrenti gew moghtija l-istess ikel – dejjem ta' kwalita' tajba – bhal nies ohra li kienu allogjati u residenti fil-lukanda msemmija. Jizdied jinghad illi s-servizz tal-lukanda hu ugwali ghar-residenti kollha fiha u ghalhekk, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, ma ssir l-ebda tip jew forma ta' differenzazzjoni bejn turist u iehor li jkun qed jirrisjedi fil-lukanda ghal dak li jirrigwarda kwalita' ta' l-ikel;

(iii) ir-rikorrenti jilmentaw ukoll illi poggew fuq imwejjed fejn ma kienx hemm air-conditioning vicin taghhom u ghalhekk baghtew is-shana waqt l-ikel. Is-socjeta' intimata tirrileva illi jekk il-lukanda kellha xi air-conditioning unit bil-hsara, ta' dan ma tistax tigi titenuta responsabbli hu u dan ghax is-socjeta' ntimata ma tistax taghmel l-impossibli jew tipprevdi kull u kwalsiasi kontingenza;

(iv) ir-rikorrenti jilmentaw inoltre illi fil-kamra tal-lukanda li fiha huma kienu residenti l-unit ta' l-air-conditioning ma kienx funzjonanti. Dwar dan, japplika l-istess ragunament maghmul fis-sub-paragrafu ta' qabel dan;

6. Illi, wkoll fil-mertu u fid-dawl tar-raba eccezzjoni, huwa ferm ingust u rragonevoli li r-rikorrenti qed jitolbu r-restituzzjoni ta' l-ammont intier (oltre id-danni morali) tal-vaganza, meta kkunsidrat kollox, l-ilmenti minnhom imqanqla huma kollha ta' natura pwerili u *de minimis*;

7. Illi, wkoll fil-mertu, harsa lejn l-ittra tar-rikorrenti datata 10 ta' Settembru, 2011 li tigbor deskrizzjoni ta' l-ilmenti, turi zewg kontro-sensi lampanti, u cioe':

(a) filwaqt li r-rikorrenti jghidu illi *"il-lukanda Eurocongressi Hotel ma toffri xejn bhala 4 star"* jghidu wkoll illi *"Turisti li kienu maghna fil-lukanda kienu servuti hafna ahjar minnha"*. Fi kliem iehor, fl-istess nifs li jilmentaw li, oggettivament, il-lukanda ma kienitx idonea u ta' standard, jghidu wkoll li turisti ohrajn inghataw servizz oghli mill-istess lukanda. Dan hu kontro-sens lampanti li ma jistax jghaddi inosservat minn dan it-Tribunal;

(b) inoltre, filwaqt li jiddeskrivu l-lukanda bhala wahda vicin main road, huma jkomplu jghidu li l-istess lukanda *"kienet f'post daqsxejn dizabitat u 'l boghod minn kull attivita'"*. Jew haga jew ohra u zgur mhux it-tnejn flimkien;

8. Illi, wkoll fil-mertu, dwar il-kwistjoni ta' l-asthma msemmija mis-sinjuri Galea, jigi rilevat illi, fl-ewwel lok, jekk kien hemm dan l-attakk ta' asthma dan certament ma kienx dovut ghas-socjeta' intimata u, fit-tieni lok, is-sinjuri Galea qatt ma rrilevaw dan il-fattur meta ghamlu l-*booking* mas-socjeta' ntimata (minhabba l-*group travel insurance*);

9. Illi, wkoll fil-mertu, t-talba ghal danni morali mitluba mir-rikorrenti ghandha tissodisfa l-vot tal-Ligi, ossia r-rikorrenti jridu juru kif huma sofrew hsara, deni, ansjeta' u inkonvenjenza skond l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, l-intimata kategorikament tichad l-allegazzjonijiet mqanqla mir-rikorrenti fl-att promotur taghhom (u fi kwalsiasi att mieghu marbut) stante illi dawn huma nfondati, sia fattwalment u sia legalment;

11. Illi fil-hames lok, fil-mertu u minghajr pregudizzju, il-kumpannija "Charichelon Company Limited" wettqet l-obbligi kontrattwali taghha w inghata lir-rikorrenti oggett u/jew servizz hekk kif mir-rikorrenti mitlub u dan hekk kif ser jigi pruvat fil-kors ta' dawn il-proceduri;

12. Salv il-jedd ta' l-intimata li tipprezenta risposta ulterjuri fid-dawl ta' dak mqanqal b'mod preliminari hawn fuq.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja ta' l-ircevuta datata 27 ta' Lulju 2011 mahruga minghand is-socjeta' ntimata ghall-ammont ta' elf sebgha mija u sitt Ewro (€1,706.00), li giet immarkata bhala Dok.LG1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet affidavit tat-'tour leader' Lawrence Cassar, li gie mmarkat bhala Dok.CC1, flimkien ma' sett ritratti li gew immarkati Dok.A sa Dok.J; flimkien ma' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 21 ta' Marzu 2012 li giet immarkata bhala Dok.KCX1.

Xehed Lawrence Cassar in kontro-ezami fejn stqarr illi kieku r-rikorrenti ma kellhomx din is-sorpriza, *ma setghax jghid fejn kienu ser jintbaghtu. Din is-sena diga' kellhom dan it-'tour'. Ilu* jahdem iktar minn erbghin (40) sena mas-socjeta' ntimata. It-'tours' dejjem jinbidlu. Ilu jahdem fuq dan it-'tour' f'dawn l-erbgha (4) snin li ilu l-Furjana. F'dan il-grupp is-socjeta' ntimata kienet tilfet il-flus. Ma jiftakarx li s-socjeta' ntimata hadmet ma' din il-lukanda qabel. L-ilmenti mhux hu jiehu hsiebhom.

Xehdet ukoll Imperia Bonello, prodotta mis-socjeta' ntimata.

It-Tribunal jinnota illi a bazi ta' l-ewwel tliet eccezzjonijiet tas-socjeta' ntimata, bi qbil bejn il-partijiet, l-isem ta' l-istess socjeta' ntimata qieghda tigi emedata u sostitwita bl-isem ta' 'Charichelon Co. Ltd'.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid jaqla' lira minn fuq dar haddiehor. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u jekk ir-rikorrenti ma kienux kuntenti bis-servizz tal-lukanda, dana certament ma kienx xi nuqqas da parti tas-socjeta' ntimata, specjalment meta dan l-ilment jigi osservat fid-dawl tal-vaganza *in toto*, li fuq ammissjoni tar-rikorrenti stess, kienet sodifacjenti u li ma kellhomx ilmenti rigwardanti it-'tour' *per se*. It-Tribunal jinnota wkoll in-nuqqas ta' kredibilita' tar-rikorrenti rigwardanti l-istat mediku tas-Sinjura Galea, fejn mill-provi, hekk konflingenti, jirrizulta illi l-ewwel stqarret fit-talba taghha illi hija tbaghti mill-asthma, filwaqt li mbaghad biddlet il-verzjoni taghha, fejn quddiem dan it-Tribunal hija baqghet issostni illi hija qatt ma soffriet mill-asthma qabel din il-vaganza. Mill-provi li ngabu, it-Tribunal huwa konvint illi ma kien hemm ebda lok ghal ilment ta' dan it-tip u *in oltre* qed isib it-talba tar-rikorrenti manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**